IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-Hamis 15 t'Ottubru, 2026

Rikors numru: BCT/57/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Joseph Abela

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell ta' Joseph Abela fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 20 ta' Lulju, 2026 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 stante "*Xogholijiet mhux awtorizzati fil-Hdud*". Permezz ta' tali appell, fir-rigward ta' din id-decizjoni, l-appellanti ikkontenda s-segwenti:

> *Secondly concerning the Sunday works, this was the first and only occasion on which works were carried out on a Sundar. Due to our planned move into the property on 1st August, 2026, we were trying to complete the finishings works in time. The works carried out were limited to plastering which did not involve any noisy machinery. The plasterer also spoke with the neighbouring*

residents beforehand, and they confirmed that they had no objecttion to the works being carried out. Furthermore, the works commenced at 9.00am

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi mill-appell intavolat ex-admissis l-appellanti jikkonferma li kien hemm dak il-ksur li gie evidenzjat mill-Awtorita` u kwindi l-Awtorita` kienet korretta meta imponiet l-penali amministrattiva.*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-affidavit ta' Cedric Zammit u sema'x-xhieda tal-appellanti kemm waqt is-seduta tat-3 t' Awwissu, 2026 u kif ukoll f' dik tal-10 ta' Settembru, 2026.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluqa waqt is-seduta tal-10 ta' Settembru, 2026 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellant b'xoghol mhux awtorizzat li sehh il-Hadd. Da parti tieghu, l-appellanti essenzjalment jammetti li kien qed jahdem il-Hadd imma jghid li dan kien sforz il-htiega li jlahhaq mat-termini ta' zmien li kienu gew fissati sabiex jidhlu fil-post, li x-xoghol kien limitat ghal kisi u beda fid-9am. Jghid ukoll li din kienet l-unika okkazzjoni meta sehh xoghol il-Hadd.

Illi mill-aspett prettament legali jigi puntwalizzat li r-Regolamenti relevanti f'dan il-kaz huma s-segwenti:

> *IT-TIELET SKEDA*
>
> *(Regolamenti 6 u 9)*
>
> *Tnaqqis ta' Tniġġiż*
>
> *1. Il-ħin permissibli sabiex isiru xogħlijiet* ***li joħolqu ħsejjes li jistgħu jinstemgħu minn barra s-sit*** *għandu jkun kif ġej:*
>
> *(a) ix-xogħlijiet m'għandhomx jibdew qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7:00 am) u għandhom jieqfu fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm);*
>
> *(b) m'għandux ikun permissibli li jiġi wżat:*
>
> *(i) skavatur mekkaniku b'martell idrawliku; jew*
>
> *(ii) drill pnewmatiku, qabel is-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7:30 am) u wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00 pm)* ***u l-ġurnata kollha fil-Ħdud*** *u l-festi publiċi*
>
> *(...)*
>
> *(d)* ***ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhom isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi*** (enfazi mizjuda)

F'dan ir-rigward l-istess appellanti tenna li x-xoghol li kien qed iwettaq kien wiehed prettament ta' kisi ta' hitan:

> *Fir-rigward tax-xogholijiet fil-Hadd, nghid li huwa minnu li kien hemm xoghol li sar il-Hadd madanakollu, x-xoghol kien wiehed ta' kisi biss,* ***hsejjes ma kienx hemm****, u fil-fatt il-hddiema stess kienu kellmu wkoll lill-girien u bdew ix-xogholijiet mhux kmieni filghodu sabiex ma joholqux inkonvenjent. Bqajna ghaddejjin bix-xoghol peress li kellna nidhlu fil-post mill-aktar fis* (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 t' Awwissu, 2026)

Da parti taghha l-Awtorita` ressqet appuntu diversi ritratti li jixhdu dak li sab l-ufficjal fuq il-post dakinhar tal-ispezzjoni. L-ufficjal Cedric Zammit xehed permezz tal-affidavit u f'dan ir-rigward illimita ruhu filli kkonferma t-trail of events fejn stqarr:

> *During the inspection the site was open with finishing works ongoing, upon arrival dust emissions were noted and works ongoing.*

Kif imfisser fl-appell numru 59/2026 deciz illum stess fil-konfront tal-istess appellanti, it-Tribunal isib li l-Awtorita` ma rnexxilhiex tipprova li kien qed isehh xi xoghol oltre l-kisi tal-hitan li seta' jikkawza trabijiet. It-Tribunal jinnota wkoll li l-istess dikjarazzjoni allura ma tindikax li kien hemm xi xoghol li seta' kien qed johloq hsejjes.

Illi ghalkemm id-definizzjoni ta' 'xoghol' u 'kostruzzjoni' taht il-Ligi Sussidjarja u l-Att principali rispettivament hija pjuttost wiesgha, skont id-disposizzjoni hawn fuq citati jidher li l-interess tal-Legizlatur kien dak li jipprojibixxi xogholijiet il-Hadd imma dejjem limitati ghal xogholijiet li jikkawzaw hsejjes skont ir-regolament 1 tat-Tielet Skeda li tahtu, appuntu, jaqa' is-subregolament (d) u li fid-dawl tieghu ghandu jigi interpretat.

Fic-cirkostanzi u f'nuqqas ta' prova ta' hsejjes emmessi mis-sit waqt li kien ghaddej ix-xoghol, it-Tribunal isib li l-Awtorita` ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jilqa' l-appell u jhassar u jirrevoka d-decizjoni datata 20 ta' Lulju, 2026 hawn fuq imsemmija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru